MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 786/2012

Fogg **Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Trevor Francis Vassallo u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2012 intervjena fil-kawza Aneuren Rodney Meli.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Awissu 2012 l-attrici talbet:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra rikjesta skond il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi li l-informazzjoni dwar is-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-konvenut nhar il-21 ta' Mejju 2007 u d-29 ta' Jannar 2010 kienet tikkostitwixxi fatt sostanzjali li l-konvenut ikun obbliga li jinforma lill-attrici dwaru skond l-obbligu ta' uberrima fides;
2. Tiddikjara li l-ploza ta' assigurazzjoni tat-tip Third Party Only (Polza numru 27937PRI103420), mahruga mill-attrici favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBS 609, ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali u/jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolaritajiet sostanzjali da parti tal-konvenut;
3. Tannulla ab initio l-polza ta' assikurazzjoni tat-tip Third Party Only (polza numru 27937PRI103420)), mahruga mill-atturi favur il-vettura numru DBS609, b'dan li jigi dikjarat li l-attrici m'hijiex obbligata li tkopri r-responsabbilta' ghal dann li setghu gew kawzati mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBS 609, proprjeta tal-konvenut, la ai termini tal-polza u lanqas skond il-ligi.

L-azzjoni li pproponiet l-attrici hi dik kontemplata fl-Artikolu 10(3) tal-Att dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104). F'nota prezentata fl-4 ta' Settembru 2012 (fol. 24) l-attrici ddikjarat:

*"hija qeghda tibbaza l-azzjoni odjerna fuq is-subincizi (3) u (5) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Il-konvenut wiegeb (fol. 33):

1. Id-dokument RG1 juri numru ta' vettura MGG 005 bhala l-vettura assigurata u mhux vettura DBS 609 li kienet involuta fl-incident.
2. Jichad li meta mar igedded il-polza ta' assikurazzjoni ghas-sena 2010-2011 xi hadd mill-impjegati tal-attrici staqsieh jekk huwa kien instab hati jew kellu pendenti xi kaz konness ma' xi reat kriminali;
3. Il-proposal form ma nkitbitx minnu u l-kontenut taghha ma kienx moqri;
4. Meta sehh l-incident il-konvenut ma kienx taht l-influwenza ta' xorb jew drogi;
5. Fil-kawza 504/2012 il-konvenut baqa' kontumaci ghaliex wara li kien ircieva r-rikors guramentat fl-1 ta' Gunju 2012, kien irrefera l-kaz ghand is-socjeta attrici li b'ittra tat-22 ta' Gunju 2012 informatu li ma kenitx ser tassistih. L-ittra waslet ghandu fl-24 ta' Gunju 2012, cjoe' tlett ijiem wara li skadew l-ghoxrin gurnata li fihom kellu jwiegeb.
6. Meta mar igedded il-polza qatt ma gie mistoqsi jekk kienx instab hati jew imressaq il-qorti dwar reati kriminali.

B'digriet moghti waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2012, il-qorti laqghet it-talba ta' Aneuren Rodney Meli sabiex jintervjeni fil-kawza.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawza.

**<u>Fatti</u>**.

'Il fatti principali huma s-segwenti:-

1. B'sentenza tal-21 ta' Mejju 2007 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fol. 25), il-konvenut Vassallo kien instab hati ta' pussess tad-droga cannabis u kkundannat ihallas multa ta' Lm250. B'sentenza tad-29 ta' Jannar 2010 l-istess konvenut ammetta li fl-14 ta' Settembru 2008 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u cannabis, u l-qorti kkundannatu jhallas multa ta' €700.
2. Fit-28 ta' Mejju 2010 il-konvenut kien iffirma proposal form ghall-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni fuq vettura Ford Ka bin-numru DBS 609[1]. Il-polza kellha tkopri l-perjodu mit-28 ta' Mejju 2010 sal-31 ta' Mejju 2011. Wahda mid-domandi li hemm fil-proposal form hi jekk huwa jew il-persuna li ser tkun

[1] Il-konvenut xehed: *"Qed nara l-firma fuq id-dokument fol. 9. Qed naghraf il-firma tieghi fuq dan id-dokument."* (fol. 93).

qeghda ssuq il-vettura: *"6. been convicted of criminal offence of any kind or is such prosecution pending ?"*. It-twegiba jidher li kienet le, tant li fil-parti fejn suppost jinghataw id-dettalji m'hemmx dettalji dwar sentenzi li bihom seta' nstab hati ghal reati.

3. Fit-28 ta' Mejju 2010 inhareg certifikat ta' motor insurance (fol. 10), u l-assigurat kien il-konvenut Vassallo.
4. Fit-22 ta' Lulju 2010 il-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku fi Pjazza San Nikola, Siggiewi meta gie mtajjar Aneuren Rodney Meli.
5. Fil-21 ta' Mejju 2012 Aneuren Rodney Meli pprezenta kawza kontra l-konvenut Vassallo (504/2012) sabiex jigi kkundannat ihallsu d-danni li sofra.
6. Fis-06 ta' Awissu 2012 l-attrici pprezentat ittra ufficjali li biha nfurmat lill-intervenut fil-kawza li dakinhar stess kienet qeghda tipproponi din il-kawza sabiex tigi annullata l-polza li kienet tkopri l-vettura DBS 609. Fl-14 ta' Awissu 2012 l-ittra ufficjali kienet notifikata lill-intervenut fil-kawza.

**Taghrif moghti fil-*proposal form*.**

Il-qorti tibda biex tghid li 'l fatt li persuna nstabet hatja minn qorti ta' pussess ta' droga, kien fatt sostanzjali li l-konvenut kellu d-dmir li jgharraf lill-attrici dwaru. Ghalkemm jista' jkun li meta sehh l-incident il-konvenut ma kienx qieghed isuq il-vettura taht l-influwenza tad-droga[2], jibqa' 'l fatt li kien hemm zewg sentenzi li bihom Vassallo kien instab hati ta' pussess ta' droga. Hu evidenti li Vassallo kien jaghmel uzu mid-droga. Dawn huma cirkostanzi li fil-fehma tal-qorti kellhom jinghadu lill-kumpannija assiguratrici peress li kien taghrif rilevanti sabiex tikkunsidra jekk ghandix tassumi r-riskju. Dan iktar u iktar meta:-

(a) jirrizulta li t-tieni kaz kien jirrelata dwar reat li twettaq 20 xahar qabel harget il-polza ta' assikurazzjoni meritu tal-kawza.
(b) kien hemm domanda specifika dwar sentenzi ta' kundanna ghal reati, u l-konvenut kellu d-dmir li jkun onest u meta jwiegeb ighid il-verita'.

Il-konvenut Vassallo ma setax jahseb li 'l fatt li ftit xhur qabel ghamel il-proposal form kien gie misjub hati ta' pussess ta' droga, ma kenitx ta' importanza ghall-attrici. Tant kienet ta' importanza li kien hemm domanda specifika dwarha fil-proposal form. Kif il-konvenut wiegeb 'iva' ghad-domanda jekk kellux incident jew claim fi tlett snin precedenti (domanda numru 8)[3], hekk ukoll kellu d-dmir li jaghti l-istess twegiba ghad-domanda numru 6.

L-attrici ressqet bhala xhud lill-iskrivana li mliet il-*proposal form*. Din ikkonfermat li l-procedura hi li kull domanda tinqara lill-klijent. Min-naha tieghu l-konvenut, li qal li jifhem bl-Ingliz[4], ma setax jiftakar jekk id-domanda numru 6 kenitx inqratlu[5].

---

[2] Ara r-raba' eccezzjoni.

[3] Maria Barbara xehedet: *"Fuq id-domanda numru 8, il-klijent qalli iva, li kellu claims ohrajn ma' l-insurance."* (fol. 40).

[4] *"Il-qorti ghadha kif qratli d-domanda numru 6, tal-parti tal-proposal form 'questions relating to the proposal on the driver mentioned above', in-numru 6. Qratli bil-lingwa Ingliza u mistoqsi jekk fhimtx id-domanda nghid li iva fhimtha, fis-sens li hi domanda fejn qed jitolbuni taghrif jekk kellix kazijiet fil-Qorti."* (fol. 93)

Dikjarazzjoni li ggib fix-xejn l-eccezzjonijiet numru tnejn, tlieta u sebgha. il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita li dik id-domanda saret lill-attur. Ghal xi raguni li jaf hu biss, ghazel li jwiegeb *"Le"*. Dan ifisser li ddikjara l-falz. Fl-ahhar tal-proposal form li ffirma Vassallo hemm din id-dikjarazzjoni:

*"I declare that I have read over the contents of this completed proposal form and I declare the above statements are to the best of my knowledge and belief correct and complete and will form the basis of the contract between me and the Insurer."*.

Vassallo kellu obbligu li jgharraf lill-assiguratur bis-sentenzi fuq imsemmija, imbaghad kien ghall-assiguratur li jiddeciedi jekk ghandux jassumi r-riskju, u fil-kaz b'liema kondizzjonijiet. Fl-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104, il-kelma **'sostanzjali'** hi definita bhala *".... ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u, f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kondizzjonijiet."*. Fil-fehma tal-qorti meta assiguratur prudenti jigi biex jiddeciedi jekk ghandux jiehu r-riskju, u fl-affermattiv, b'liema premium u taht liema kondizzjonijiet, id-decizjoni tal-assiguratur tigi influwenzata mill-fatt li inqas minn erba' xhur qabel il-konvenut instab hati ta' pussess tad-droga eroina. Dan iktar u iktar meta sahansitra kien recidiv. Il-konkluzjoni hi li s-sentenza li a bazi taghhom l-attrici bbazat il-kawza, jaqghu fit-tifsira ta' fatt sostanzjali.

**Avviz moghti mill-attrici lill-vittma, li giet prezentata kawza biex tigi annullata l-polza ta' assigurazzjoni fit-termini tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici argumentat li ghal dak li jikkoncerna l-procedura li kellha ssegwi skond l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104, din giet segwita. L-attrici qalet[6] wahda mill-kondizzjonijiet hi li l-assiguratur:

*"ikun fi zmien mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta tigi intavolata l-kawza tieghu, ta avviz b'att gudizzjarju lit-terz danneggjat dwar l-istess kawza intavolata mill-assiguratur – l-esponenti nnotifikat lit-terz danneggjat Aneuren Rodney Meli bil-proceduri odjerni permezz ta' ittra ufficjali pprezentata entro sebat ijiem minn meta gew ipprezentati l-istess proceduri odjerni, skond ma jirrizulta kemm mir-riferta relattiva, kif ukoll mir-Rikors ipprezentat mill-istess Meli nhar l-20 ta' Awwissu 2012 sabiex huwa seta' jintervjeni fil-proceduri odjerni, kif fil-fatt ghamel."*.

Skond dik id-disposizzjoni l-assiguratur ma jistax jiehu beneficcju minn sentenza li tinghata f'kawza li jaghmel taht l-Artikolu 10(3):-

*"kemm-il darba qabel jew fi* ***zmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawza*** *hu ma jkunx ta avviz taghha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attrici f 'dak il procediment billi jispecifika l-habi jew ir-rapprezentazzjoni falza li huwa bi hsiebu jibbaza ruhu fuqhom, u kull persuna li tigi moghtija avviz ta' dik il-kawza jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha."* (enfazi tal-qorti).

---

[5] *"Illum ma niftakarx x'mistoqsijiet ghamlitli s-sinjorina."* (fol. 93).

[6] Ara pagna 9 tan-nota ta' sottomissjonijiet (3.9.2013).

Il-kawza nbdiet fis-6 ta' Lulju 2012. Skond l-Artikolu 10(6) tal-Kap. 104: *"Il-procediment jitqies li nbeda fid-data li fiha jigi pprezentat r-rikors guramentat f'qorti ta' gurisdizzjoni civili."*. Ghalhekk l-avviz lill-vittma jrid jinghata fi zmien sebat ijiem minn meta jigi pprezentat ir-rikors guramentat. L-avviz jinghata bin-notifika tal-ittra ufficjali. Fil-kaz in ezami n-notifika tal-ittra ufficjali lil Meli saret fl-14 ta' Lulju 2012, cjoe' fi zmien tmint ijiem minn meta giet prezentata l-kawza. M'hemmx dubju li dan hu terminu perentorju gialadarba fid-disposizzjoni stess jinghad li l-assiguratur *"ma jkollux b'daqshekk il-jedd ghall-beneficcju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi procediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża"*.

**Proceduri taht l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u l-Avviz Legali 435 tas-sena 2003**.

Fl-ewwel lok jigi osservat li jekk l-assiguratur jirnexxi f'kawza ta' din ix-xorta, il-konsegwenza tkun li tigi annullata l-polza. L-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 jaghti lill-assiguratur *"jedd li* ***jannullaha****"*. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attrici li l-polza hi nulla *ab initio*. Filwaqt li att null hu inezistenti mill-bidunett, l-att annullabbli jezisti sakemm ma jigix imhassar.

Hu evidenti li l-attrici qeghda tippretendi li d-danneggat ghandu jigi kkumpensat mill-Fond ghall-Protezzjoni ta' Kumpens. Skond Regolament 25 tal-Avviz Legali 435 tal-2003, il-Fond jaghmel tajjeb:- ***"jekk ma jkunx hemm assiguratur koncernat"***.

Ir-Regolament 24(1) jipprovdi li assiguratur koncernat hu:

***"l-assiguratur li kien fi zmien ta' l-incident li kkawza r-responsabbilta' civili qieghed jipprovdi assigurazzjoni kontra reponsabbilta' bhal din ghar-rigward tal-vettura li b'kawza ta' l-uzu taghha giet inkorsa r-responsabbilta' tad-debitur."***.

Skond din id-definizzjoni fil-kaz in ezami l-attrici kienet **assiguratur koncernat**.

Skond ir-regolament 24(2)(b): *"assiguratur huwa l-assiguratur koncernat minkejja illi –*

*omissis*

*(b) l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-ghoti ta' informazzjoni hazina, bil-habi ta' fatt materjal, jew bi zball;"*.

Mela ghalkemm Vassallo ottjena l-polza billi ta taghrif hazin, b'applikazzjoni tar-regolament 24(2)(b) l-attrici xorta tibqa' l-assiguratur koncernat. Dan is-subregolament ma jaghmilx distinzjoni bejn polza ta' assigurazzjoni li wara l-incident tigi annullata b'sentenza f'kawza li tkun saret *ai termini* tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u l-kaz fejn l-assigurazzjoni ma tiehux passi sabiex tannulla l-assigurazzjoni skond dik id-disposizzjoni. Gialadarba il-ligi ma tohloqx din id-distinzjoni, allura m'ghandix tkun il-qorti li tohloqha.

Rilevanti wkoll huwa s-subregolament 24(3) li jelenka liema huma l-kazijiet fejn assiguratur m'huwiex l-assiguratur koncernat, u cjoe':

a) meta qabel l-incident, l-assigurazzjoni tkun thassret bi ftehim bejn il-partijiet u bil-permess, moghti bil-quddiem, tal-Kummissarju tal-Pulizija.
b) meta r-responsabbilta' tkun grat wara li tkun thassret l-assigurazzjoni taht setgha ta' thassir li tkun fl-istess assigurazzjoni, u wara li jkun inghata avviz ta' dan lill-Kummissarju tal-Pulizija.
c) meta r-responsabbilta' civili tkun inkorsa wara decizjoni tal-qorti, li tkun saret *res judicata*, li ddikjarat l-assigurazzjoni bla effett u li ma tistax tigi ezegwita[7].
d) meta r-responsabbilta civili tkun inkorsa wara li tkun skadiet l-assigurazzjoni.

M'hemmx dubju li l-kaz in ezami ma jaqax taht wiehed minn dawn l-erbgha cirkostanzi. Hu car li subregolament 24(3) jaghti elenku komprensiv tal-kazijiet meta assiguratur m'huwiex assiguratur koncernat. F'kaz ta' sentenza li tghaddi f'gudikat li tiddikjara assikurazzjoni bla effett u li ma tistax tigi ezegwita, hu biss fejn is-sentenza tkun saret gudikat qabel r-responsabbilta' civili tkun inkorsa, li l-assiguratur hu meqjus li m'huwiex assiguratur koncernat (subregolament 24(3)(d)).

Meqjus il-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq ifisser li l-Fond m'ghandu l-ebda responsabbilta' li jaghmel tajjeb ghad-danni li sofra Meli. Ifisser li jekk wiehed japplika l-Artikolu 10(3) il-danneggat ser jibqa' skopert jekk ma jithallasx id-danni mill-persuna li ghandha r-responsabbilta' civili.

Il-qorti rat is-sentenza ta' din il-qorti[8] fil-kawza **Middlesea Insurance plc vs Emanuel Ciantar** tas-17 ta' Frar 2014 fejn il-qorti kkonkludiet li *"dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) ghandu jigi kkunsidrat bhala l-eccezzjoni ghal dak li jipprovdi l-artikolu 10(1) u r-regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435/2003."*, izda ma taqbilx ma' din il-fehma meta tqies li:-

(a) subregolament 24(2)(b) ma jaghmilx distinzjoni bejn il-kaz fejn l-assiguratur ikun ghamel kawza *ai termini* tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u fejn ma jkunx irrikorra ghal dik il-procedura.
(b) li kieku kien hemm l-intenzjoni li jkun hemm l-eccezzjoni li rriferiet ghaliha l-qorti, mela din kienet tissemma espressament f'subregolament 24(3) fis-sens li l-assiguratur m'huwiex assiguratur koncernat fejn tintlaqa' talba tieghu taht l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 10 li tkun ghadha m'hijiex gudikat fid-data meta tigi inkorsa r-responsabbilta' civili. Is-subregolament jiddefenixxi espressament meta assiguratur m'huwiex assiguratur koncernat u l-ebda qorti ma tista' zzid mal-kazijiet li jissemmew fih.
(c) dik il-konkluzjoni twassal sabiex il-vittma jispicca ma jigix kumpensat ghad-danni li jsofri peress li lanqas il-Fond mhu responsabbli li jhallas id-danni li sofra l-vittma.

[7] It-test bl-ingliz jaqra: "*when the civil liability was incurred after a decision of a court of competent jurisdiction which has become res judicata has declared the insurance void or unforceable."*.
[8] Imhallef M. Chetcuti.

Skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 103 tal-2009, liema Direttiva kkodifikat flimkien numru ta' direttivi li jitrattaw l-assigurazzjoni kontra r-responsabbilta' civili fl-uzu tal-vetturi, fosthom id-direttiva 72/116:

*"Each Member State shall, subject to Article 5, take all appropriate measures to ensure that civil liability in respect of the use of vehicles normally based in its territory is covered by insurance".*

Il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja diga' ppronunzjat ruhha fir-rigward tal-Artikolu 3, u fil-kaz **Wilkonson & Evans** (C-442/10) deciz fl-1 ta' Dicembru 2011 qalet:

*"With regards to the rights granted to those third parties who have been victims of an accident, it must be borne in mind that the Court has held that Article 3(1) of the First Directive (Directive 72/116/EEC)* ***precludes an insurer from relying on statutory provisions*** *or contractual clauses* ***in order to refuse to compensate third parties who have been victims of an accident caused by the insured vehicle."*** (enfazi tal-qorti).

L-istess kien inghad fil-kaz **Ruiz Bernaldez** (C-129/94) deciz fit-28 ta' Marzu 1996 u l-kaz Candolin (C537/03) deciz fit-30 ta' Gunju 2005.

Skond Regolament 25 tal-Avviz Legali 435 tal-2003:
*"Meta decizjoni ghar-rigward ta' xi responsabbiltà civili li tkun mehtiega li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taht legislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja jkun inkisbet kontra xi persuna jew persuni u, kemm jekk fiz-zmien ta' l-incident li jikkaguna din ir-responsabbiltà* ***ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni kif mehtieg mil-legislazzjoni msemmija****, jew jekk din il-****polza ma jkollhix sehh ghal xi raguni*** *li ma tkunx dik li l-assiguratur ma jkunx jista' jhallas, u din ir-responsabbiltà ma tkunx giet sodisfatta kollha kemm hi fi zmien tmienja u ghoxrin jum mill-gurnata li fiha l-persuna jew persuni li favur taghhom tkun inghatat dik id-decizjoni kellhom id-dritt li jesegwuha, f'dan il-kaz,* ***jekk ma jkunx hemm assiguratur koncernat****, il-Fond ghandu bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jaghmel hlasijiet lill-persuna jew persuni li favur taghhom tkun inghatat dik id-decizjoni, mill-fondi li jkunu mwarrbin biex jintuzaw ghal hlas ta' kumpens ta' responsabbiltajiet protetti."*.

Il-Fond jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kazijiet specifikati f'dan l-Avviz Legali. Sitwazzjoni simili tinsab fl-Ingilterra (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-qorti stess kif presjeduta fil-kaz **Montaldo Insurance Agency Limited nomine vs Christian Bugeja** deciza fid-29 ta' Lulju 2013).

Fi ftit kliem dan ir-regolament qieghed jipprovdi li l-Fond jaghmel tajjeb ghad-danni li jsofri d-danneggat jekk fid-data tal-incident:-

i. m'hemmx polza skond kif mehtieg fil-Kap. 104 jew il-polza ma jkollix effett; **u**
ii. ma jkunx hemm assiguratur koncernat;

Minn dan ir-regolament hu evidenti li fejn hemm assiguratur koncernat, il-Fond ma jaghmilx tajjeb ghaliex l-obbligu tal-hlas qieghed fuq l-assiguratur. Hekk biss jista' jigi interpretat dan ir-regolament u dan b'applikazzjoni wkoll tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 103 tal-2009 li tipprovdi:

*"In the event of a dispute between the body referred to in Article 10(1)* (**fil-kaz in ezami l-Fond**) *and the civil liability insurer* (**fil-kaz in ezami l-attrici**) *as to which must compensate the victim, the Member States shall take the appropriate measures so that one of those parties is designated to be responsible in the first instance for paying compensation to the victim without delay."*.

F'dan il-kuntest hu rilevanti l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Marleasing** (1990) li:

*"...it should be observed that, as the Court pointed out in its judgment in Case 14/83* ***Von Colson and Kamann v Land Nordrhein-Westfalen*** *[1984] ECR 1891, paragraph 26, the Member States' obligation arising from a directive to achieve the result envisaged by the directive and their duty under Article 5 of the Treaty to take all appropriate measures, whether general or particular, to ensure the fulfilment of that obligation, is binding on all the authorities of Member States including, for matters within their jurisdiction, the courts.* ***It follows that, in applying national law, whether the provisions in question were adopted before or after the directive, the national court called upon to interpret it is required to do so, as far as possible, in the light of the wording and the purpose of the directive in order to achieve the result pursued by the latter and thereby comply with the third paragraph of Article 189 of the Treaty."***. [

Ghalhekk il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri ghandhom **obbligu** li jinterpretaw il-ligi nazzjonali fid-dawl tad-disposizzjonijiet ta' direttiva. B'dan il-mod jigi ottenut ir-rizultat segwit mid-direttiva. Din l-obbligazzjoni tapplika ghall-provvedimenti tal-ligi nazzjonali kemm qabel id-direttiva u wkoll ta' wara. Applikat dan il-principju l-qorti tasal ghal konkluzjoni li l-assigurazzjoni attrici trid taghmel tajjeb ghad-danni li sofra Meli. Fir-replika li l-attrici pprezentat fis-7 ta' Frar 20014 qalet: *"..... l-provvediment tal-Ligi Sussidjarja ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-animu tal-Ligi Principali"*. Pero' l-Avviz Legali 435 tal-2003 m'huwiex ligi sussidjarja maghmula a bazi tal-Kap. 104. Fir-rigward tal-Avviz Legali, il-ligi principali hu l-Att dwar il-Kummerc ta' l-Assigurazzjoni. L-Avviz Legali ghandu sahha ta' ligi, u bih gie determinat ukoll f'kaz ta' disputa jekk id-danni ghandux jaghmel tajjeb ghalihom il-Fond jew l-assiguratur. Dan hu biss rimedju iehor li l-ligi taghti lill-vittma.

Fl-ahharnett ghal kull buon fini l-qorti tosserva li l-eccezzjonijiet numru 5 u 6 m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawza kif giet proposta mill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel sa seba' eccezzjoni.**

2. **Tiddikjara li l-konvenut Vassallo kien obbligat, meta mar jixtri polza ta’ assigurazzjoni ghall-vettura, jgharraf lill-attrici dwar is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Mejju 2007 u 29 ta’ Jannar 2010, u li tali taghrif kien fatt sostanzjali.**
3. **Tikkonferma li l-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip Third Party Only (Polza numru 27937PRI103420) fuq il-vettura involuta fl-incident tat-traffiku li sehh 22 ta’ Lulju 2010 ittiehdet mill-konvenut Vassallo billi gie rapprezentat fatt li kien falz;**
4. **Tilqa’ t-tmien eccezzjoni u tichad it-tielet talba in kwantu ukoll din it-talba hi intiza biex l-attrici tevita r-responsabbilta’ fil-konfront tad-danneggat, haga li ma tistax taghmel ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Jibqa’ rizervat kwalsiasi dritt li ghandha l-attrici fil-konfront tal-assigurat taghha.**

**Spejjez tal-attrici jinqasmu nofs bin-nofs mal-konvenut Vassallo gialadarba mhux it-talbiet kollha gew milqugha, b’dan li l-ispejjez tal-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu gialadarba dan id-dizgwid inqala’ bin-nuqqas tieghu, u wkoll meqjus li l-ewwel seba’ eccezzjonijiet gew michuda.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------